Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9319 — DP World/P&O Group)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 179/10)

1. Fis-17 ta' Mejju 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— DP World FZE (l-Emirati Għarab Magħquda), li hija proprjetà tal-grupp DP World PLC ("DP World", l-Emirati Għarab Magħquda),

— Dubai Ferries Holding FZE ("P&O Group", l-Emirati Għarab Magħquda).

DP World takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll waħdani ta'P&O Group kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— DP World: it-tħaddim madwar id-dinja ta' terminals tal-baħar u l-forniment ta' servizzi ta' ġestjoni tal-merkanzija kif ukoll il-forniment ta' servizzi tat-trasport marittimu għall-oġġetti fil-containers fl-Ewropa ta' Fuq u fil-Mediterran,

— P&O Group: it-tħaddim ta' vapuri tal-merkanzija u tal-passiġġieri fir-Renju Unit, l-Irlanda u l-Ewropa ta' Fuq (primarjament fil-Benelux u Franza) u l-forniment ta' servizzi tat-trasbord u loġistikia fuq bażi pan-Ewropea.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9319 — DP World/P&O Group

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").